



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2011/2048(INI)

20.7.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-modernizzazzjoni tal-akkwist pubbliku
(2011/2048(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Åsa Westlund

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

General aspects

1. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tqis l-akkwist pubbliku bħala komponent importanti fit-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u għall-ksib tal-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020; jenfasizza r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiżguraw li l-politiki tal-akkwist pubbliku jappoġġaw ix-xogħol biex jintlaħqu dawn il-miri u jilqa' l-għoti mill-Kummissjoni ta' aktar attenzjoni għall-bżonnijiet ta' awtoritajiet kontraenti żgħar;
2. Jinnota li l-konsum tas-settur pubbliku tal-UE kull sena jammonta għal 17% tal-prodott domestiku gross tal-UE; jišhaq fuq il-potenzjal li għandha l-kapaċità tal-akkwist tal-awtoritajiet pubbliċi fil-promozzjoni ta' objettivi komuni u jenfasizza l-importanza li għalhekk isir użu mill-possibiltà li jkunu inklużi determinanti oħra minbarra l-prezz, bħalma huma l-ambjent u fatturi soċjali fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku; jemmen li x-xejriet ta' produzzjoni u konsum li jagħmlu ħsara lill-ambjent jistgħu jittaffu permezz tal-akkwist pubbliku;
3. Jilqa' x-xewqa mifruxa tal-**awtoritajiet** lokali, reġjonali u nazzjonali li jagħtu kuntratti li jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli, inklużi ***l-effiċjenza*** tar-riżorsi u ***tal-enerġija u użu iktar wiesa' tal-enerġiji rinnovabbli u l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima***; jinnota li hemm ħafna evidenza li turi li d-direttiva u l-implimentazzjoni tagħha qed jagħmlu dan iktar diffiċli u li l-ambigwitajiet fir-regoli attwali tal-akkwist pubbliku wasslu għal nuqqas ta' fehim u interpretazzjonijiet differenti rigward l-inklużjoni ta' kriterji ta' sostenibilità ambjentali fil-kuntratti; jenfasizza li t-Trattati tal-UE jeżiġu li l-leġislazzjoni titfassal sabiex trawwem u mhux ixkekkel jew tostakola l-kapaċità tal-Istati Membri, u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jipromwovu objettivi ta' protezzjoni ambjentali u żvilupp sostenibbli;
4. Isostni li d-Direttivi għandhom iħeġġu u jippermettu b'mod espliċitu li awtoritajiet kontraenti jirreferu għal objettivi ta' politika orizzontali, bħalma huma l-kriterji ta' żvilupp sostenibbli fis-suq tal-offerti;
5. Jargumenta favur l'inklużjoni ta' kunsiderazzjonijiet ambjentali, kif ukoll aspetti oħra rilevanti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli, fil-kuntratti tal-akkwist pubbliku rilevanti kollha; jišhaq li d-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku għandha tiġi emendata biex tagħmilha iktar ċara li hu kemm mixtieq, kif ukoll possibbli, li l-operaturi pubbliċi,
 - jimponu kundizzjonijiet ambjentali fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u jqisu l-impatt ambjentali fil-kriterji tal-għoti meta jagħtu kuntratti;
 - jimponu standards soċjali, pereżempju sabiex jipromwovu l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol, u standards ta' sikurezza fuq ix-xogħol;
 - jimponu kundizzjonijiet ta' benessri tal-annimali, kif ukoll il-kundizzjonijiet tat-

trasport tal-annimali, meta jkun relevanti,

- jistipulaw li l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq għandhom japplikaw bl-istess mod għal sottokuntrattari;
- 6. Huwa tal-fehma li l-kriterji tal-ekotikketta żviluppata għas-servizzi għandhom jingħataw prijorita; jenfasizza li meta jkunu qed jixtru u jikru apparat li juża l-enerġija, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jużaw kriterji ekwivalenti għal standards tal-enerġija u tal-ekotikketta għall-kwantifikazzjoni tal-iffrankar ġenerali tal-enerġija;
- 7. Jinnota b'mod partikolari l-bżonn li jiġi ċċarat li hu possibbli li jiġu imposti kundizzjonijiet ambjentali li jkunu iktar stretti mir-regoli komuni tal-UE rigward ekosistemi u kundizzjonijiet għall-protezzjoni tal-annimali; kjitlob li ssir dikjarazzjoni espliċita fid-direttiva li din ma żżomm lil ebda pajjiż milli jikkonforma mal-Konvenzjoni Nru 94 tal-ILO, u ***jenfasizza li l-funzjonament effikaċi ta' akkwist pubbliku ekoloġiku jirrikjedi regoli ċari u mhux ambigwi tal-UE li jiddefinixxu b'mod preċiż il-qafas tal-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Istati Membri.***
- 8. Jippreferi jħeġġeġ u jiffaċilita l-akkwist sostenibbli minn operaturi pubbliċi iktar milli jistabbixxi kwoti obligatorji; xorta waħda jqis li l-ikbar ostaklu għal akkwist pubbliku li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent hu iktar in-nuqqas ta' għarfien dwar il-possibilitajiet u l-leġiżlazzjoni mhux ċara u inflessibbli milli n-nuqqas ta' rieda;
- 9. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jużaw is-sostenibilità bħala kriterju standard fl-akkwist pubbliku;
- 10. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-implimentazzjoni ineffettiva tal-istrument volontarju ta' Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (APE) tal-UE;

Ċiklu tal-ħajja

- 11. Jemmen b'mod sod li d-direttiva għandha tiġi emendata biex tagħmilha iktar ċara li hu kemm mixtieq. kif ukoll possibbli. li jitqies l-impatt ambjentali tas-suġġett tal-kuntratt matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tiegħu, inkluż il-proċess kollu ta' produzzjoni u l-kundizzjonijiet tiegħu sal-konsum fid-dawl tal-istatistika dwar il-ħela assoċjata mal-parti ta' fuq tal-katina ta' attivitajiet; sabiex l-awtoritajiet kontraenti jkollhom informazzjoni xierqa dwar l-applikazzjoni tal-aspetti ambjentali u/jew aspetti ta' sostenibilità, il-Kummissjoni għandha ttiprovdihom metodoloġija għall-kalkolu tal-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja;
- 12. Jenfasizza li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jitħeġġew u jingħataw il-parir li jistabbilixxu kundizzjonijiet ambjentali għall-offerti mill-bidunett, u jitlob li l-leġiżlazzjoni tiġi emendata biex jiġi żgurati li bħala regola l-kuntratti jingħataw abbażi tal-iktar offerta ekokononikament vantaġġuża, inkluża l-ispiża sħiħa taċ-ċiklu tal-ħajja, filwaqt li titqies l-ispiża tat-tniġġiż ambjentali kull meta jkun possibbli;
- 13. Jisħaq li l-ġhoti ta' kunsiderazzjoni ikbar għall-ambjent fl-akkwist pubbliku joħloq potenzjal kbir għal iffrankar, peress li dan ifisser kunsiderazzjoni ikbar għall-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja;

14. Jenfasizza kemm hu importanti li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jipromwovu l-iżvilupp ta' standards klimatiċi u ambjentali internazzjonali bbażati fuq preokkupazzjoni dwar iċ-ċiklu tal-ħajja, u b'hekk jiffaċilitaw l-akkwist għas-settur pubbliku li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, kif ukoll jagħmluha eħfef biex in-negozji jikkompetu għal kuntratti f'pajjiżi differenti;

Relazzjonijiet rigward negozju

15. Jenfasizza li għandu jkun hemm rabta bejn kriterji ambjentali u s-suġġett tal-kuntratt biex jiġu evitati tgħawwiġ tas-suq u inċertezza legali, li jxekklu lil ċerti intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs, milli jipparteċipaw fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku;

16. Jenfasizza kemm huwa importanti li l-Istati Membri jinvolvu l-SMEs u li jħeġġuhom biex japplikaw għal kuntratti ta' akkwist pubbliku; huwa tal-fehma li l-SMEs innovattivi x'aktarx joħorġu b'modi ġodda biex jindirizzaw il-kunsiderazzjonijiet ambjentali fl-akkwist pubbliku;

17. Jirrakkomanda li, jekk l-oġġett jew is-servizz li jkun is-suġġett tal-akkwist ikun jista' jinkiseb lokalment, il-proċedura għandha, b'konformità mal-prinċipju ta' prossimità, tkun miftuħa għall-intrapriżi lokali (primarjament l-SMEs), sabiex b'hekk jitnaqqas ukoll il-piż ambjentali kkawżat bl-akkwist (eż. emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju);

18. Jenfasizza li huwa possibbli, permezz tal-akkwist pubbliku u billi jiġu ssusidjati soluzzjonijiet ta' loġistika li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, li jitnaqqas l-għadd ta' vjaġġi, il-bżonn ta' trasport bil-karozza u l-emissjonijiet tas-CO₂;

19. Jikkunsidra li aktar tħassib rigward l-impatti ambjentali u klimatiċi tal-prodotti u l-attivitajiet jirrikjedi li terġa' tiġi kkunsidrata l-possibilità li jkunu favorizzati l-fornituri lokali; f'dan il-kuntest, jitlob eżami mill-ġdid tal-livelli limitu u jikkunsidra li s-sostenibilità għandha tiegħu preċedenza fuq l-interpretazzjonijiet stretti tar-regoli tas-suq intern;

20. Jenfasizza r-rabta li hemm bejn l-akkwist li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u l-promozzjoni tal-innovazzjonijiet; jenfasizza li din tidher iktar ċar meta jiġu kkombinati flimkien kundizzjonijiet ambjentali fit-termini tekniċi ta' referenza, flimkien mal-għoti ta' marki oġhla fl-istadju tal-għoti lil dawk l-offerti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ambjentali l-iktar avvanzati u soluzzjonijiet ekoloġiċi;

Aspetti proċedurali

21. Iqis bħala importanti ħafna l-verifiki ex-post u s-segwitu għat-twettiq tal-akkwist pubbliku; jindika l-fatt li l-awtoritajiet kontraenti għandhom ikunu jistgħu jimponu penali f'każ li ma jintlaħqux l-oġġettivi tal-iżvilupp sostenibbli u/jew dawk ambjentali, skont il-kriterji indikati fl-offerta, inkluż fir-rigward ta' sottokuntrattari;

22. Jemmen bil-qawwa li l-użu dejjem aktar tal-proċedura negozjata tkun tista' tippromwovi kemm l-innovazzjonijiet, kif ukoll soluzzjonijiet sostenibbli; sakemm ikunu attwati garanziji xierqa biex jevitaw kwalunkwe abbuż;

23. Jenfasizza li l-fatt jekk prodott jew servizz ġiex prodott b'mod sostenibbli jew le, għustament għandu jitqies bħala karattersitika tal-prodott; jinnota li l-ambitu għall-inklużjoni ta' rekwiżiti rigward il-proċess ta' produzzjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-tipi kollha ta' kuntratti għandu jiġi ċċarat sabiex l-awtoritajiet kontraenti jkunu jistgħu jikkontrollaw l-impatt ambjentali u soċjali tal-kuntratti mogħtija minnhom;

24. Iqis li l-kriterju tal-għoti għall-'irħas prezz' għandu jintuża biss jekk dan jista' jiġi għgustifikat għal raġunijiet li r-rekwiżiti ambjentali u/jew ta' sostenibilità huma irrelevanti għal dan il-każ speċifiku jew għaliex ikunu għew imposti kundizzjonijiet ambjentali u/jew soċjali stretti fit-termini tekniċi ta' referenza; jinnota, madankollu, li r-responsabilità għad-deċiżjoni finali għandha tibqa' f'idejn l-entità kontraenti;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	13.7.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 49 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Nessa Childers, Bairbre de Brún, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Julie Girling, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Christa Klaß, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Linda McAvan, Miroslav Ouzký, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Sirpa Pietikäinen, Mario Pirillo, Pavel Poc, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Dagmar Roth-Behrendt, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Salvatore Tatarella, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Sabine Wils
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Matthias Groote, Romana Jordan Cizelj, Riikka Manner, Marisa Matias, James Nicholson, Alojz Peterle, Michèle Rivasi, Crescenzo Rivellini, Giommara Uggias
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Lorenzo Fontana